**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 623/18**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-Vs-**

**GRACE GATT**

**Illum, 11 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **GRACE GATT** ta' 49 sena, bint Paul Joseph u Rita nee' Mifsud, imwielda Rabat Ghawdex fil-25 ta' Settembru 1968 u li toqghod 162, Triq Leli Falzon, Nazzar, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru: 34568G tressqet quddiemha akkuzata talli:-

F' dawn il-gzejjer, f'Jannar 2016 u fil-jiem u l-gimghat li jigu mmedjatament qabel, b'diversi atti maghmulin minnha, ukoll jew fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1) b' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlet użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex gieghlet titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew

ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh b’qerq ta’ madwar aktar minn hamest elef (€5,000) ghad-dannu ta’ Anthony Busuttil;

2) bi hsara ta’ haddiehor, ghamlet xi qligh b’qerq ta’ aktar minn hamest elef ewro (€5,000)

3) kif ukoll talli hadmet bhala gwardjan privat jew hekk offriet is-servizzi taghha ta’ investigazzjoni privata, meta hi kienet taf li ma kellhiex licenzja taht il-Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta

4) kif ukoll talli rrendiet ruhha recidiva b’diversi sentenzi tal-Magistrati ta’ Malta, sentenzi li gew rezi definittivi u ghalhekk ma jistghux jigu mibdula

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri.

Rat illi waqt l-ezami l-imputata wieġbet li mhux ħatja;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali mibghuta ghall-fini tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 li permezz taghha huwa indika li tista’ tinstab htija għar-reati:-

a. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
b. Fl-artikoli 18, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

c. Fl-artikoli 18, 309 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 49 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputata tiddikjara li m'għandhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiz minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt is-seduta tal-1 ta' Frar 2021;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-fatti li joħorġu mill-atti u l-provi juru li fl-aħħar ta' Novembru 2015, Larissa Leontieva, is-sieħba tal-parti leża, Anthony Busuttil, kienet serqet it-tifel minuri tagħhom, Adam Busuttil, waqt li l-familja kienet fuq btala ġewwa r-Repubblika Ċeka. Il-każ ġie mxandar fuq il-mezzi lokali tax-xandir u kif Anthony Busuttil wasal lura Malta, l-imputata għamlet kuntatt miegħu fejn offrietlu s-servizzi tagħha bħala investigatur privat speċjalizzata f'każijiet ta' ħtif ta' persuni. Sadanittant, Anthony Busuttil inkariga avukat biex iniedi l-proċeduri quddiem il-qrati Maltin biex jingħata l-kura u kustodja tat-tifel minuri u effettivament ingħata digriet li akkorda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri lill-missier. Jirriżulta wkoll illi Dr. Edward Debono qabbad lil Anthony Busuttil ma' Dr. Chris Frendo - li qabel kien Spettur tal-Pulizija – u dan tal-aħħar kien tela' Praga fl-aħħar jiem ta' Diċembru 2016 biex jibda jaħdem fuq il-każ tat-tifel. Anthony Busuttil qabbad ukoll żewġ avukati barranin biex jinbeda l-proċess ġudizzjarju quddiem il-Qorti tal-Islovakja taħt il-Hague Abduction

[1] Seduta tas-26 ta' Mejju 2021.

Convention[2] u mar Praga flimkien ma' Dr. Edward Debono biex jiltaqa' magħhom. Bl-intervent ta' Dr. Chris Frendo tqabbad ukoll tim ta' investigaturi privati barranin (Cari Network) li bdew jaħdmu fuq il-każ u jsegwu l-movimenti ta' omm it-tifel barra minn Malta. Fit-13 ta' Jannar 2016 Anthony Busuttil ta prokura lill-imputata sabiex tirrappreżentah f'kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-ħtif ta' ibnu u biex tidher għalih quddiem qrati lokali u barranin fir-rigward, fost materji oħrajn. Lejn l-aħħar ta' Jannar 2016, bil-ħidma tat-tim ta' investigaturi privati barranin, bl-intervent tal-Ambaxxatur Malti fil-Polonnja u bil-kollaborazzjoni tal-Pulizija u awtoritajiet oħra barranin, l-omm ġiet rintraċċjata u twaqqfet milli taqsam il-fruntiera bejn il-Polonnja u l-Belarus biex finalmente it-tifel inġieb lura Malta minn Anthony Busuttil u Dr. Chris Frendo.

Fl-ewwel imputazzjoni, l-imputata qed tiġi mixlija bir-reat ta' truffa taħt l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 kif ukoll bir-reat ta' frodi innominata taħt l-Artikolu 309 tal-istess Kap. 9. Hu ovvju li dawn iż-żewġ imputazzjonijiet, ċioe' l-ewwel u t-tieni, ingħataw b'mod alternattiv għaliex ir-reat taħt l-Artikolu 309 huwa reat minuri li huwa kompriż u involut fir-reat iktar gravi tat-truffa taħt l-Artikolu 308. Dan ifisser li jekk l-imputata tinsab ħatja tar-reat l-iktar gravi addebitat fl-ewwel imputazzjoni il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-reat minuri taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9.

Qabel xejn, ikun opportun illi jigi stabbilit x'inhuma l-elementi li jsawru r-reat taħt l-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, sabiex imbagħad jigi determinat jekk dawn isibux riskontru fil-fattispeċje tal-kaz odjern.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**[3] ġie affermat illi:-

*"Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun*

---

[2] The **Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction** li huwa trattat mutlilaterali li jipprovdi mezz spedizzjuż biex minuri li jkun inħataf minn wieħed mill-ġenturi u jittieħed fl-esteru, jiġi ritornat minn pajjiż membru lil pajjiż membru ieħor.

[3] *Supra*.

*hemm* ***ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkommetti ir-reat u il-vittma****. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe'* ***l-uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali****. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti* ***fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu****. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.* [emfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Fountain et**[4] ġie ritenut hekk in propositu tal-element tal-ingann meħtieġ għal entrambi reati prospettati mill-Artikolu 308 u 309 tal-Kap. 9:-

*"Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata* ***irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent*** *... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis-en-scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*[5]

Kwantu, speċifikatament, l-element formali tar-reat, ingħad:

"*.... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li* ***s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni***

[4] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

[5] Emfasi ta' din il-Qorti.

***tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-leġittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo*.”[6] (emfasi ta' din il-Qorti)

Illi dak li jikkostitwixxi “*raġġiri*” u “*artifizji*” li huma meħtieġa għar-reat ta' truffa, ukoll huwa ben stabbilit. Fi kliem Antolisei[7]:-

*“... artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta` effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu` precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera*.”

Ġie ritenut illi m'huwiex biżżejjed għall-finijiet tar-reat ta' truffa, “*affermazzjonijiet, lużingi u promessi*”, mingħajr l-użu ta' apparat estern li jsaħħaħ il-kredibbilita' tal-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur għalkemm jinsab ritenut li r-raġġiri jew artifizzji li jigu impjegati mill-aġent tar-reat, m'għandhomx għalfejn ikunu “… *xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet'*.[8] Kemm hu hekk, l-Antolisei ikompli jgħid li:-

*“... nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che* ***anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa***.”[9] [emfasi tal-Qorti]

Imbagħad, in kwantu għar-reat taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9, dan jistipola li huwa ħati tar-reat ta' qligħ b'qerq kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. Huwa ben stabbilit fil-

---

[6] **Ara Il-Pulizija v. Charles Abela**, deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fis-6 ta' Lulju 2016, li fiha ċitat eżawrjentement mis-sentenza **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra**, *op cit*.

[7] Manuale Di Diritto Penale Parte Speciale I (Giuffre) pagna 356.

[8] **Pulizija vs Emanuel Ellul** deciza 20 ta' Gunju 1997.

[9] Antolisei *op cit.* P. 357.

ġurisprudenza tal-Qrati tagħħa li d-distinzjoni bejn ir-reat ta' truffa u r-reat minuri ta' frodi innominata hija determinata mit-tip ta' ingann adoperat mill-aġent. L-elementi tan-ness bejn l-aġent tal-frodi u l-vittma, l-użu ta' ingann li jwassal lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali u l-intenzjoni tal-frodatur li jinganna biex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu, huma lkoll meħtieġa għaż-żewġ reati u huma biss il-mezzi adoperati biex jigi perpetrat l-ingann li jiddistingwi t-truffa mill-frodi innominata.

L-elementi meħtieġa għar-reita' taħt l-Artikolu 309 ġew imfissrin hekk:-

"*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza* ***Il-Pulizja vs Carmela German*** *(Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*"

Jinsab ritenut ukoll illi fil-kriminalizzazzjoni tal-kondotta ravviżata fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kap. 9, il-leġislatur qed jittutela speċifikatament, anzicche' l-interess pubbliku fil-fiduċja reċiproka fir-rapporti patrimonjali individwali, l-interess pubbliku li jiġi vjetat l-użu tal-ingann li jinduċi bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel[10].

[10] **Il-Pulizija v. Marjanu Zahra** deċiża mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-2 ta' Marzu, 2011.

Ikkunsidrat;

Biex jiġi stabbilit il-ħtija o meno tal-imputata għar-reat ta' truffa, għandu qabel xejn jiġi identifikat mill-provi jekk jeżistix ness bejn l-imputata u l-parti leża, jekk l-imputata użatx mezzi frawdolenti li induċew lill-parti leża jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa u jekk fl-affermattiv, b'konsegwenza ta' dan il-qerq il-parti leża sofra telf patrimonjali bi qligħ korrispondenti għall-imputata.

Anthony Busuttil xehed hekk b'referenza għas-servizzi li offrietlu l-imputata, l-involviment li kellha fil-każ ta' ibnu u l-ammonti li ħallasha:-

"*qaltli ... li qegħda l-Caribbean fuq xi ħtif ta' tifel li irnexxilhom josservawh biex iġibuh lura, ma nafx liema pajjiż, ma kienx Malti, u qaltli wkoll biex nidħol fuq skype.* ***Qaltli li she's a private investigator, she's very good****, tagħtni xi telephone number ta' xi persuna illum il-ġurnata insejt min hi biex inċempillu insaqsiha fuqha ... ċempilt kont jiena jiġifieri. ... Dħalt fuq skype u kienet tikkuntattjani ħinijiet l-aktar filgħaxija ta' Malta ... u titkellem miegħi, dak iż-żmien kont veru b'xokk kbir, ġej minn barra tlift it-tifel tiegħi u* ***bdiet tgħidli kemm hi kapaċi*** *etc etc etc.*"[11] (emfasi tal-Qorti)

Xehed ukoll:- "*dina Grace ... qegħdin nitkellmu biex tgħini nġib it-tifel, iġġibli t-tifel Malta*"[12] u meta talabha kemm ser tiġi tiswih biex it-tifel jinġieb lura Malta, semmietlu l-prezz ta' tliet mitt elf Euro. Sokta jixhed li meta semma li kellu bagalji b'xi dokumenti tas-sieħba tiegħu Larissa Leontieva, l-imputata offriet li tibgħat lil xi ħadd biex jiġborhom ħalli teżaminahom u insistiet li tagħmel dan minkejja li hu kien qalilha li d-dokumenti ma fihom xejn. L-imputata bagħtet waħda mara biex tiġbor il-bagalja u riedet ukoll is-somma ta' €5,000 f'kontanti iżda Anthony Busuttil xehed li

[11] Fol. 63.
[12] Fol. 67.

huwa insista li jħallas permezz ta' *cheque*, liema *cheque* ġie intestat fuq talba tagħha f'isem kumpannija[13] u ngħata lill-mara li ġiet tiġbor il-bagalja bid-dokumenti.

Anthony Busuttil qal ukoll li meta kien jipprova jsaqsi lill-imputata x'informazzjoni x'setgħet ħadet mid-dokumenti, huwa baqa' mingħajr ebda risposta serja u fehem li l-imputata kienet qed tevitah. Huwa spiċċa talabha l-bagalja bid-dokumenti lura iżda ma ħa l-ebda informazzjoni mingħandha u d-dokumenti li kien hemm fil-bagalja kienu jidhru li lanqas intmessu[14]. Xehed ukoll li dak iż-żmien, Dr. Edward Debono introduċih ma' Dr. Chris Frendo u laqqagħhom mal-imputata, filwaqt li fil-Milied Dr. Chris Frendo mar Praga biex jagħmel stħarriġ dwar fejn seta' kien jinsab it-tifel. In segwitu huwa kien mar Praga flimkien ma' Dr. Edward Debono iżda l-imputata ma marritx magħhom għaliex qalet li trid taħdem waħedha[15]. Hu xehed li kellu laqgħa oħra mal-imputata fid-dar ta' ommha n-Naxxar liema laqgħa saret f'waqt meta skont hu, kien diġa' qata' qalbu mill-imputata u kien inkwetat ħafna għaliex ma kienx għadu nstab it-tifel[16]. Waqt din il-laqgħa hija qaltlu li ser issiblu t-tifel, ħarġitlu flixkun tal-whisky u ferregħtlu grokk wara grokk u talbitu sebgħin elf Euro. Huwa offrielha għoxrin elf Euro minflok u filwaqt li hi aċċettathom, il-persuna li kien hemm magħha - l-istess waħda li kienet ġabret il-bagalja u l-pagament ta' €5,000 - qaltlu "*mhux issa jiġi għada u tinsa kollox*". Hu kien effettivament għadda lill-imputata s-somma ta' €10,000 f'kontanti għaliex hekk riditħom u kien qalilha li l-bilanċ jgħaddihulha qabel tiġi biex issiefer biex tfittex lit-tifel[17]. Meta Dr. Chris Frendo qallu li l-imputata kienet tatu x'jifhem li hija riedet teħodlu l-flus u tgħaddih biż-żmien, huwa ċempel lill-imputata, infurmaha li mhux ser juża s-servizzi tagħha u talabha lura l-flus li kien għaddielha - ħaġa li hi rrifjutat li tagħmel - u dak kien l-aħħar kuntatt li kien hemm bejniethom.

---

[13] D fol. 66 GI Security Malta 6.12.2015ok. JB1 – dan ic-cheque ġie msarraf fid-9 ta' Diċembru 2015 b'depożitu fil-kont bankarju ta' Isabelle Cassar Agius, GI Security account f'Bank of Valletta plc u l-import tiegħu inġibed mill-istess kont fl-istess ġurnata f'kontanti.
[14] Fol. 75.
[15] Fol. 75.
[16] Fol. 86.
[17] Fol. 76.

Meta xehdet volontarjament u minn jeddha quddiem il-Qorti, l-imputata kkonfermat il-kontenut tal-istqarrija li kienet irrilaxxat lill-Pulizija waqt l-interrogazzjoni tagħha. Hemmhekk hija stqarret li kienet hi li għamlet kuntatt ma' Anthony Busuttil meta kienet barra minn Malta u dan għaliex kienet qrat dwar il-każ tal-ħtif tat-tifel tiegħu u riedet tassistih fl-isforzi tiegħu biex iġib it-tifel lura Malta. Qalet ukoll li tatu parir biex japplika taħt il-Hague Convention biex it-tifel jinġieb lura Malta b'mod legali u fissritlu kif taħdem il-proċedura relattiva. Hi spjegat li hija kienet intiża f'dik il-liġi u l-proċeduri relattivi u setgħet tirrappreżentah quddiem il-Qrati ta' Praga ċioe' l-pajjiż li fih it-tifel kien inħataf, iżda kienet taf li Busuttil kien qed jibża' jagħmel il-proċeduri taħt il-Konvenzjoni minħabba kwistjonijiet li kellu mal-ewwel mara tiegħu fil-passat. Tant hu hekk illi lilha l-istess Anthony Busuttil eventwalment taha prokura biex tirrappreżentaha quddiem il-Qorti ta' Praga u taha wkoll bagalja mimlija dokumenti biex tistudjahom. L-imputata emfasizzat matul l-interrogazzjoni tagħha illi hija ma qablitx u esprimiet it-tħassib tagħha kontra l-parir li kienu tawh l-avukati ta' Anthony Busuttil biex it-tifel jinħataf mingħand ommu minflok ma jinġieb lura bl-applikazzjoni tar-regoli tal-Hague Convention.

Filwaqt li ma ċaħditx li hija rċeviet xi flus mingħand Busuttil, l-imputata waqt l-interrogazzjoni tagħha sostniet li ma tiftakarx kemm kien l-ammont li rċeviet iżda eskludiet li huwa kien ħallasha f'kontanti. Insistiet illi f'kull każ, dak li rċeviet kien dovut lilha għall-assistenza li pprovdiet lil Anthony Busuttil, biex tikkomunika mal-avukat li kien qabbad ġewwa Praga u biex tirrappreżentah quddiem il-qrati ta' Praga flimkien mal-avukati tiegħu fil-proċeduri li hija kienet tat parir li jiġu istitwiti biex it-tifel jista' jitreġġa' lura Malta b'mod leġittimu. Sostniet ukoll illi kienu għaddejjin xi negozjati ma' Busuttil ta' kif kellha titħallas iżda sakemm laħqu ftehim, skopriet li Busuttil u l-avukati tiegħu kienu qed jorganizzaw il-ħtif tat-tifel, ħaġa li hi ma setgħetx taċċettaha u ma riditx tkun involuta tant illi hija talbet lil Busuttil jiffirmalha kuntratt biex hija taħdimlu biss fuq il-Hague Convention. Sakemm ftiehmet ma' Busuttil, hija semgħet fuq l-aħbarijiet li t-tifel kien inġieb lura Malta.

Imbagħad, fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, l-imputata kkonfermat illi qatt ma telgħet Praga iżda kienet ser titla' u sadanittant, waqt li kienet qed tipprepara u tikkomunika mal-avukat tal-parti leża ġewwa Praga, saret taf li t-tifel inġieb lura Malta minn Dr. Chris Frendo. Sostniet li ma rċeviet l-ebda pagament mingħand Anthony Busuttil u l-pagament li kienet ser tieħu kellu jsir wara x-xogħol li kellha tagħmel wara li ngħatat il-prokura iżda ġara li wara l-prokura, huma baqgħu ma ltaqgħux u hija ma marritx tirrappreżentah quddiem il-qrati.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fliet l-atti u tqis li n-ness bejn l-imputata bħala l-aġent tar-reat, u Anthony Busuttil bħala l-vittma, mhux biss ġie manifestament ippruvat iżda lanqas m'hu kontestat. Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni huwa indiskuss li Anthony Busuttil kien iddisprat biex jikseb xi informazzjoni dwar fejn qiegħed ibnu u kien interessat biss li jġib it-tifel tiegħu lura Malta. Ġie wkoll ippruvat li l-imputata offriet lil Anthony Busuttil servizz ta' investigatur privat in konnessjoni mal-każ tal-ħtif ta' ibnu u li hu kien qed jistenniha tieħu l-azzjoni meħtieġa biex f'din il-kapaċita', tgħinu jsib lil ibnu u jġibu lura Malta: kif rajna, fix-xhieda tiegħu kien inekwivoku li meta kkuntattjatu, l-imputata qaltlu li "*she's a private investigator, she's very good*".

Għandu jingħad illi l-fatt li l-imputata eventwalment ingħatat prokura[18] biex tirrappreżenta lil Anthony Busuttil fl-affarijiet kollha li jikkonċernaw il-każ tal-ħtif ta' ibnu u speċifikatament, biex tirrappreżentah f'laqgħat u proċeduri inkluż dawk legali, ma' awtoritajiet u persuni anke barra minn Malta b'rabta mal-każ, ma jnaqqas xejn mill-konvinċiment tal-Qorti li s-servizzi li hija offrietlu, talanqas inizzjalment, kienu ta' investigazzjoni privata u mhux ta' rappreżentazzjoni legali jew ta' xort'oħra. Kemm hu hekk, m'huwiex kontestat li meta għamlet il-kuntatt inizzjali ma' Anthony Busuttil, l-imputata qaltlu li kienet tinsab fil-Karibew fuq każ ieħor ta' ħtif ta' minuri – aċċenn li ma jħalli l-ebda dubju li dak li kienet qiegħda toffri kienu servizzi ta'

[18] Ara prokura datata 13 ta' Jannar 2016 esebita Dok. AB1 (fol. 88) u xhieda tan-Nutar Dr. Roberta Bisazza li kkonfermat l-awtentiċita' ta' din il-prokura – xhieda tas-26 ta' Frar 2019.

investigazzjoni privata marbutin mal-ħtif ta' ibnu. Barra dan, mill-provi jirriżulta wkoll li l-imputata talbitu jgħaddilha xi dokumenti li kellu fil-pussess tiegħu konċernanti omm it-tifel sabiex minnhom tikseb tagħrif dwarha, liema dokumenti effettivament ġew mgħoddija lilha[19], filwaqt li fix-xhieda tiegħu Dr. Edward Debono fisser li huwa ltaqa' mal-imputata l-ewwel darba waqt laqgħa li saret id-dar tiegħu u minn dak li ġie diskuss f'dik il-laqgħa kien ċar li r-rwol tal-imputata fil-pjan biex jinstab it-tifel, kien li hija tmur ir-Repubblika Ċeka, issib it-tifel u ġġibu Malta "*bin-nies tagħha*"[20].

Għandu jingħad ukoll din il-prokura ingħatat lill-imputata xejn inqas **minn xahar u nofs wara** li kienet għamlet kuntatt ma' Anthony Busuttil biex tgħinu fil-każ ta' ibnu, u għalhekk m'hijiex daqshekk relevanti biex jiġi stabbilit x'affermazzjonijiet u mezzi ġew adoperati mill-imputata biex tinduċi lill-parti leża jużа s-servizzi tagħha.

Madanakollu, għalkemm hu stabbilit li Anthony Busuttil kien qed jistenna li mingħand l-imputata jikseb tagħrif dwar il-movimenti u l-post fejn jinsab ibnu, mill-provi jirriżulta li l-imputata ma kellhiex il-kwalifiki meħtieġa skont il-liġi fil-Kapitolu 389 biex toffri dawn is-servizzi u taħdimlu bħala investigatur privat. Fil-fatt, mix-xhieda ta' PS 1157 Bartley Aquilina[21] u d-dokumenti minnu esebiti, jirriżulta li l-imputata ma kellhiex liċenzja taħt il-Kapitolu 389, biex taġixxi ta' gwardjan privat u kwindi biex tipprovdi servizzi ta' investigazzjoni privata skont kif definiti fl-Artikolu 2 tal-imsemmi Kapitolu.

Minn dan il-Qorti tqis li l-imputata mhux biss għamlet rappreżentazzjonijiet foloz lill-parti leża dwar il-kredenzjali tagħha bħala investigatur privat bi speċjalizzazzjoni f'każijiet ta' ħtif ta' persuni, iżda għamlet dawn ir-rappreżentazzjonijiet foloz intiżi biex tagħmel qligħ bi ħsara tiegħu. Għall-Qorti, l-użu da parti tal-imputata ta' kwalifika falza mhux biss jinkwadra sfiq bħala manifestazzjoni ta' wieħed mill-

[19] Dan l-imputata affermatu fl-istqarrija tagħha.
[20] Fol. 54.
[21] Rappreżentant tal-Uffiċju tal-Liċenzi.

elementi materjali tar-reat ta' truffa[22], iżda waħdu jikkostitwixxi wkoll prova biżżejjed tal-intenzjoni doluża fl-imputata li tinduċi lill-istess parti leża biex iħallasha għal servizzi li ma setgħetx tipprovdi b'mod leġittimu.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh il-fatt li Anthony Busuttil dak iż-żmien kien għadu jasal Malta wara li skopra li t-tifel tiegħu nħataf minn taħt għajnejh minn ħadd ħlief is-sieħba tiegħu stess waqt vakanza tal-familja ġewwa Praga u kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu, kien iddisprat minħabba l-prospett li jista' ma jerġax jara lil ibnu[23]. Il-Qorti hi konvinta mill-kumpless tal-provi li l-imputata approfittat ruħha mill-vulnerabbilita' tal-parti leża meta minn dak li spjegatlu fl-ewwel telefonata, hu evidenti li tatu x'jifhem li kellha l-kredenzjali meħtieġa biex toffri s-servizzi ta' investigazzjoni privata u li kienet qiegħda effettivament taġixxi f'din il-kapaċita' ġewwa l-Karibew dak iż-żmien stess.

Anthony Busuttil xehed hekk in kontro-eżami:

"*... hi qalet li kienet il-Caribbean, sabu xi tifel, qegħdin jassistu għalih sakemm jiġi lura Malta jew lura ma nafx f'liema pajjiż ... Kienet toqgħod tikkuntattjani tgħidli dawn l-affarijiet, jien għalija; imbagħad semmietli xi bniedem biex inċempillu nsaqsi fuqha. Ċempilt, ma nafx min kien dal-bniedem, seta' kien min kien iġifieri, imma tinsix darahri mal-ħajt, jiena qatt ma kelli x'naqsam ma' dawn l-affarijiet*"[24].

Il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputata fl-istqarrija tagħha, li hija offriet l-assistenza tagħha mhux f'servizzi ta' investigazzjoni privata iżda fit-tħaddim tal-proċedura legali taħt il-Hague Convention on the Civil Aspects of International Child Abduction[25] u biex tikkomunika mal-avukati ġewwa Praga: il-ġabra tal-evidenza turi li effettivament, Anthony Busuttil ġie indott jaċċetta s-servizzi tal-imputata mhux

---

[22] Għaliex għamlet "użu ... ta' kwalifiki foloz..."

[23] Anthony Busuttil xehed li dak il-perijodu kien "*l-agħar ta' ħajti*". Skont Chris Frendo, Anthony Busuttil għamel ħafna pjanijiet biex iġib it-tifel tiegħu lura, kellu l-flus biex jonfoq u "*kull min kien joffrilu l-għajnuna tiegħu professjonali kien jaċċettaha*". Dr. Edward Debono min-naħa tiegħu fisser kif Busuttil kien "*imkisser*" u "*kien qed jipprova jaqbad ma' kull tentufa li jista' jsib basta li dan it-tifel isibuhulu u jġibuhulu Malta*". (fol. 47)

[24] Xhieda 1 ta' Frar 2021.

[25] "Hague Convention".

għaliex tatu parir dwar l-użu tal-proċedura taħt il-Hague Convention iżda minħabba tabilħaqq ir-rappreżentazzjoni falza tal-ħiliet u kwalifiki tagħha bħala investigatur privat intiża f'każijiet ta' rkupru ta' tfal misruqa: rappreżentazzjoni li ġiet imħawra fost oħrajn, bir-referenza għall-fatt li kienet qiegħda msiefra fuq każ ta' ħtif ta' minuri li kellu eżitu ta' suċċess, bit-talba tagħha li jinkiseb mingħand terza persuna referenza dwar il-ħiliet tagħha f'dan il-qasam u bl-insistenza tagħha li teżamina dokumenti dwar Larissa Leontieva (liema dokument iżda, skont il-parti leża, mhux biss ma setgħu kienu ta' ebda użu fit-tfittxija għal ibnu, iżda ġew ritornati lilu mingħajr lanqas intmessu minn ġol-bagalja).

Jiġi ribadit illi skont l-insenjament paċifiku in materja, hu neċessarju li biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, il-manuvri tal-aġent tar-reat iridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja, ikunu frawdolenti u li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi[26] u l-Qorti f'dawn l-imsemmija manuvri tal-imputata tirravviża sewwasew dawk il-mezzi persważivi illi, b'żieda mal-kwalifika falza li invokat lil Anthony Busuttil, ġew adoperati minnha biex issaħħaħ il-konviċiment li kienet investigatur privat li setgħet issib it-tifel tiegħu u ġġibu lura Malta.

Iżda anke jekk għal mument, l-imputata kellha titwemmen meta tgħid li hija offriet is-servizzi tagħha biss għall-fini tat-tħaddim tal-proċeduri li kellhom isiru taħt il-Hague Convention, mill-provi ma jirriżultax li l-imputata kellha xi involviment fil-proċess legali li kien tnieda barra minn Malta biex it-tifel jinġieb lura Malta u ma ntweriex li hija wettqet xi proċedura hawn Malta jew barra minn Malta b'rabta mal-każ. Ma ressqet l-ebda prova lanqas dwar il-mezzi hija adoperat biex tibda jew tmexxi 'l quddiem xi proċess legali bħal dan jew dwar xi kuntatt li għamlet mal-Awtorita' Ċentrali fir-Repubblika Ċeka jew f'pajjiż ieħor, abbażi tal-Hague Convention, biex tassisti lil Anthony Busuttil f'din il-proċedura.

[26] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** deċiża nhar it-22 ta' Frar 1993, citata f'**Il-Pulizija v. Giuseppe Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22.7.2021

Fir-rigward, issir referenza għax-xhieda ta' Dr. Edward Debono fejn spjega illi meta ftit ġranet wara l-laqgħa li saret id-dar tiegħu, huwa ra li l-imputata ma kienet għamlet xejn dwar il-każ, huwa qabbad lil Anthony Busuttil ma' avukat mir-Repubblika Ċeka, ċertu Richard Turon u ma' avukat Pollakk, ċertu Gessel Kosiorowski. Hu xehed li fil-bidu ta' Jannar 2016 sar appuntament ma' Turon u tela' Praga flimkien ma' Anthony Busuttil u Dr. Chris Frendo fejn qattgħu madwar ġimgħa u fejn dan l-avukat nieda l-proċedimenti quddiem il-qorti ta' Slovakia u qabbad investigatur privat li bl-għajnuna tiegħu skoprew fejn kien qed jirrisjedi t-tifel ġewwa r-Repubblika Ċeka. Dwar l-imputata huwa xehed li f'dan kollu hija ma kellha x'taqsam xejn u ma kienetx involuta u ma marritx magħhom Praga għalkemm hija kienet avżata li kienu telgħin.[27]

Dr. Chris Frendo, li kellu involviment attiv fil-ħidma li saret biex jiġi rintraċċjat u jinġieb lura Malta t-tifel ta' Anthony Busuttil, xehed illi huwa mar Praga iktar minn darba biex isegwi l-movimenti ta' omm il-minuri u kien ukoll f'kuntatt dirett mal-awtoritajiet barranin u mal-Ambaxxata ta' Malta fil-Polonnja fejn eventwalment, fi Frar 2016, ġiet lokalizzata omm it-tifel ġewwa Teraspol fil-konfini mal-Belarus. Xehed ukoll illi meta omm il-minuri ġiet lokalizzata ġewwa l-Polonnja viċin il-konfini mal-Belarus, huwa qabad titjira flimkien ma' Anthony Busuttil u vvjaġġaw lejn Teraspol iżda l-imputata ma marritx magħhom għalkemm kienet infurmata li kienu sejrin jirkupraw lit-tifel u jniżżluh Malta. Hu xehed: "*... li nista' ngħid li aħna konna kulħadd qed jinstenna li Grace ser titla' Praga biex iġġib lit-tifel; li ma ġġibux naċċetta għaliex suċċess m'hemmx garanzija ... pero' talanqas trid titla' għax jekk mhux ħa titla', mhux tibda żgur ix-xogħol.*"[28]

Huwa minnu li l-imputata ma għandha għalfejn ma tressaq l-ebda prova kwalsiasi u jinkombi lill-Prosekuzzjoni tressaq provi fil-grad meħtieġ biex tinstab ħtija kriminali, iżda meta kienet l-imputata nnifisha li biex tilqa' għat-teżi tal-Prosekuzzjoni, stqarret li kienet inkarigata taħdem fuq il-proċess taħt il-Hague Convention, il-Qorti tistenna li titressaq xi prova in sostenn ta' dawn l-isforzi tagħha.

---

[27] Fol. 54.
[28] Fol. 38.

Bl-istess mod, il-Qorti stenniet li l-imputata tressaq xi prova biex tissostanzja l-allegazzjoni li għamlet fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti biex tirribatti l-provi tal-Prosekuzzjoni, li hija kienet qiegħda attivament taħdem biex it-tifel jinġieb lura Malta permezz ta' komunikazzjonijiet mal-avukat ta' Praga u li kienet inkarigata minn Anthony Busuttil proprju biex tikkomunika mal-avukati ġewwa Praga. Madanakollu, fl-atti ma hemm l-ebda prova kwalsiasi li l-imputata qatt għamlet il-kuntatt li qalet li kellha tagħmel mal-avukat ta' Praga[29]. Prova li ċertament ma kienx impossibbli għall-imputata li tressaq.

Speċifikatament, il-Qorti ma fehmitx kif skont l-imputata, hija kienet inkarigata tikkomunika mal-avukat ta' Praga dwar il-lokalizzazzjoni tat-tifel biex omm it-tifel tiġi notifikata bil-proċess ġudizzjarju li kien inbeda taħt il-Hague Convention, meta mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni joħroġ biċ-ċar li l-avukat ġewwa Praga, Richard Turon, kien qabbdu Anthony Busuttil innifsu bl-assistenza ta' Dr. Edward Debono u mhux l-imputata, tant li huma kienu siefru flimkien biex jiltaqgħu mal-avukat ġewwa Praga.

Dan kollu magħdud ma jistax, fil-fehma tal-Qorti ħlief ikompli jnaqqas mill-attendibbilita' tal-verżjoni tal-imputata li r-rwol tagħha kien li tikkomunika mal-avukati ġewwa Praga abbażi tal-prokura, anke għaliex din il-verżjoni hi kontradetta bis-sħiħ mix-xhieda ta' Dr. Chris Frendo li quddiem il-Qorti xehed illi l-imputata kienet qaltlu waqt telefonata li għalkemm kienet lesta titla' Praga, riedet taħdem waħedha u mhux mal-investigaturi barranin (Cari) u riedet li Anthony Busuttil iħalliha taħdem waħidha.

Kif rajna, huwa minnu li fit-13 ta' Jannar 2016 l-imputata ngħatat prokura speċjali. Iżda l-Qorti tosserva illi din il-prokura ma ssemmi l-isem ta' ebda persuna jew entita' li hija kienet awtorizzata tinkariga jew tikkomunika magħhom għan-nom tal-klient

[29] L-imputata mkien fix-xhieda jew l-istqarrija tagħha, ma semmiet l-isem ta' dan l-avukat li kellha tikkomunika miegħu ġewwa Praga.

tagħha u ma ssemmi xejn lanqas fir-rigward ta' xi proċeduri li hija tgħid li kellha tassisti fihom taħt il-Hague Convention[30] u għalhekk tqis li ftit li xejn isservi biex tagħti fejda lill-verżjoni tal-imputata dwar is-servizzi li hija ġiet inkarigata tippresta lil Anthony Busuttil u l-ħlas li kellha tirċievi fir-rigward. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ma jirriżulta mkien fil-provi li l-imputata għamlet xi kuntatt ma' persuni jew entitajiet barra minn Malta b'rabta ma' dan il-każ, lanqas wara li ngħatat il-prokura.

Fuq kollox iżda, jirriżulta li din il-prokura ingħatat lill-imputata diversi ġimgħat wara li offriet tippresta s-servizzi tagħha lil Anthony Busuttil u iktar minn **xahar wara** li hija talbet il-ħlas tas-somma ta' €5,000 għal dawn is-servizzi u għalhekk, dan il-pagament – jekk jiġi ppruvat li tħallas lill-imputata – ftit li xejn seta' kellu x'jaqsam mas-servizzi ta' rappreżentazzjoni u komunikazzjoni invokati fid-difiża tal-imputata. Tant hu hekk, il-Qorti wara li fliet l-atti u x-xhieda, inkluż ix-xhieda ta' Dr. Roberta Bisazza, tqis li din il-prokura m'hix konnessa u ma għandha x'taqsam assolutament xejn mal-proċeduri u l-ħidma li kienu għaddejjin barra minn Malta u li kienu qed jiġu ko-ordinati bejn l-avukati Maltin u l-avukati, awtoritajiet u investigaturi barranin inkarigati minn Anthony Busuttil u tqis ukoll li din il-prokura ma kienet xejn ħlief manuvra oħra f'sensiela ta' manuvri adoperati mill-imputata biex tkompli tqarraq b'Anthony Busuttil.

Ikkunsidrat;

Illi għall-Qorti, dan kollu magħdud ifisser li l-imputata ma rnexxilhiex tipprova l-verżjoni tagħha sal-grad tal-probabbli jew li tnaqqas il-konvinċiment morali tal-Qorti fil-prova li ressqet il-Prosekuzzjoni illi l-imputata effettivament użat kwalifiki foloz u ħolqot *mis-en-scene* biex tikkonvinċi lil Anthony Busuttil li hija investigatur privat li tista' taħdimlu biex tirrintraċċja lil ibnu u ġġibu lura Malta. Kemm hu hekk, l-imputata ma għamlet assolutament xejn minn dak li induċiet lill-parti leża jemmen li

[30] Fol. 384. B'żieda ma' dan, il-Qorti tosserva illi għalkemm skont l-imputata Anthony Busuttil taha prokura għaliex ma setax joqgħod tiela' u nieżel bejn Praga u Malta, dan huwa kontradett mill-provi għaliex jirriżulta li effettivament, il-parti leża kien tela' mill-inqas darbtejn Praga, darba ma' Dr. Edward Debono u darb'oħra ma' Dr. Chris Frendo meta ibnu ġie rintraċċjat ġewwa l-Polonnja.

sejra twettaq[31]. Għall-kuntrarju, hu manifest li bl-użu ta' raġġiri u artifizzji *par excellence,* kif imfissrin fil-ġurisprudenza fuq ċitata, l-imputata ħolqot l-aspettattiva falza fil-parti leża li ser tgħinu ġġib lil ibnu lura Malta u qarrqet bih bil-ħsieb li tikseb mingħandu ħlas għal servizzi li hija ma pprovditlux u lanqas setgħet, effettivament, tipprovdilu.

Kwantu għall-element tal-qligħ illegali, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li l-imputata mhux biss imxiet b'mod frawdolenti fil-konfront ta' Anthony Busuttil iżda għamlet dan bil-ħsieb li tagħmel qligħ bi ħsara tiegħu. Il-Qorti ma għandhiex dubju li effettivament, Anthony Busuttil ħallas somma ta' flus fuq talba tal-imputata għas-servizzi li hija offrietlu b'rabta mal-każ ta' ibnu u tqis illi l-imputata ma kienetx kredibbli meta fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti hija ċaħdet li rċeviet xi flus mingħandu[32].

Dan qed jingħad għaliex fl-istqarrija tagħha l-imputata mhux talli ma nnegatx li rċeviet flus mingħand Anthony Busuttil, talli qalet li kellha tfittex fl-*emails* tagħha biex tivverifika l-ammont li kien għaddielha. Aċċettat ukoll – **b'kuntrast manifest ma' dak li xehdet quddiem il-Qorti**[33] - li hija kienet bagħtet lil terza persuna biex tiġbor bagalja dokumenti mingħand Anthony Busuttil, persuna li skont Anthony Busuttil irċeviet ukoll dakinhar stess iċ-*cheque* li l-imputata talbitu fis-somma ta' €5,000[34]. In segwitu qalet li ma tiftakarx kemm kienet tħallset u ma tiftakarx lanqas li hija riedet il-pagament ta' €5,000 biex tibda bix-xogħol f'kontanti u mhux b'*cheque*.

Il-Qorti fil-kumpless tal-provi u speċifikatament fl-isfond tad-diversi kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fil-verżjoni tal-imputata, hija konvinta bil-veraċita'

---

[31] Kemm hu hekk, m'hemm xejn fil-provi proċesswali li juri li f'xahar u nofs minn meta ikkuntattjat lil Anthony Busuttil biex tassistih, sakemm it-tifel finalment inġieb lura Malta, l-imputata għamlet xi ħaġa biex jinstab il-minuri. Dan meta hu notorju li f'każijiet bħal dawn il-ħeffa fl-investigazzjonijiet u l-prosegwiment diliġenti tal-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji, huma fondamentali għas-suċċess tal-irkupru tal-persuna misruqa.

[32] "*Jiena ma ħadtx* (*sic.*) *l-ebda pagament. Il-pagament li kont ser nieħu jiena kien wara li għamel dik il-prokura għaliex lestejna l-invoices x'kien hemm u x'ma kienx hemm*". – fol. 415.

[33] Ara xhieda in kontro-eżami tal-imputata – fol. 418.

[34] Mill-provi jirriżulta li dan iċ-*cheque* ġie depożitat f'kont bankarju ta' Isabelle Cassar Agius iżda l-ammont relattiv inġibed mill-kont fl-istess ġurnata f'kontanti.

tal-verżjoni ta’ Anthony Busuttil fir-rigward u tqis li huwa ppruvat sodisfaċjentement li kienet l-imputata li bagħtet lil Isabelle Cassar Agius biex tiġbor il-bagalja bid-dokumenti kif ukoll, fl-istess ħin, ic-*cheque* fis-somma ta’ €5,000 mingħand il-parti leża, bħalma hija wkoll moralment konvinta mill-provi li din is-somma Anthony Busuttil ħallasha għaliex ġie frawdolentement indott jemmen li l-imputata kellha l-ħiliet u kwalifiki biex bħala investigatur privat, tikseb tagħrif dwar il-movimenti ta’ omm il-minuri, tirrintraċċjaha u tirritorna lil ibnu ġewwa Malta.

L-imputata iżda, ċaħdet speċifikatament li rċeviet somma ta’ flus f’kontanti mingħand Anthony Busuttil[35] u fir-rigward, il-Qorti tqis li kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni tressaq l-aħjar prova tal-pagament ulterjuri fis-somma ta’ €10,000 li Anthony Busuttil xehed li huwa ħallas lill-imputata. Anthony Busuttil xehed illi huwa ftiehem mal-imputata li kellu jħallasha s-somma addizzjonali ta’ €20,000 iżda kien laħaq taha biss nofs dan l-ammont f’kontanti u kienet hi li insistiet li titħallas f’kontanti. Iżda l-imputata ċaħdet dan konsistentement u l-Qorti ma riskontrat l-ebda prova diretta jew ċirkostanzjali oħra li ssaħħaħ ix-xhieda ta’ Anthony Busuttil dwar il-ħlas. Tosserva wkoll li Anthony Busuttil xehed illi huwa kien insista li jħallas l-ewwel pagament fis-somma ta’ €5,000 b’*cheque* minkejja li l-imputata riditu kontanti. Ix-xhieda ta’ Dr. Edward Debono u Dr. Chris Frendo – li konfermaw illi Anthony Busuttil qalilhom li kien ħallas lill-imputata somma totali ta’ €15,000 – hija prova biss ta’ dak li seta’ qalilhom il-parti leża u mhux prova li effettivament sar dak il-ħlas lill-imputata. Għalhekk, tqis illi t-telf patrimonjali li ġie ppruvat li sofra Anthony Busuttil b’effett tal-qerq eżerċitat mill-imputata huwa fil-valur ta’ €5,000 u mhux €15,000.

Għaldaqstant, il-Qorti tirravviża ħtija fl-imputata għar-reat ta’ truffa taħt l-Artikolu 308 u taħt l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9, addebitata lilha fl-ewwel imputazzjoni u konsegwentement, sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni in kwantu din taddebita r-reat minuri ta’ frodi nnominata taħt l-Artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

---

[35] Fol. 9.

Fit-tielet imputazzjoni, l-imputata ġiet mixlija bir-reat taħt l-Artikolu 3 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita', il-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att)[36] ċioe' li ħadmet bħala gwardjan privat jew hekk offrejt is-servizzi tagħha ta' investigazzjoni privata meta kienet taf li ma kellhiex liċenzja taħt l-imsemmi Att.

Fiż-żmien tat-twettiq tar-reat, ċioe' f'Jannar 2016 u fil-ġimgħat ta' qabel, l-Artikolu 2 tal-Att kien jiddefinixxi "*servizzi ta' gwardjani privati*" bħala:- "*kull servizz ta' gwardjani, barra minn servizzi ta' gwardjani provduti minn xi dipartiment tal-Gvern jew awtorità taħt id-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra barra minn dan l-Att, mogħti minn individwu jew minn għaqda ta'persuni, korporata jew le, dwar - inkluz: ' (i) servizzi ta' investigazzjoni privata ...*"

Imbagħad, "*servizzi ta' investigazzjoni privata*" kienu definiti fl-Att dak iż-żmien, bħala:-

*"il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar:*
*(a) l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet,reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta'persuni;*
*(b) il-background jew l-antiċedenti ta' xi applikant għal impieg;*
*(ċ) stħarriġ dwar persuni jew proprjetà mitlufa;*
*(d) dannu jew ħsara lil proprjetà;*
*(e) il-prevenzjoni jew il-kxif ta' spjunaġġ industrjali;..."*

L-imputata tinsab akkużata taħt l-Artikolu 3 tal-Att, li jipprovdi hekk:-

*"Ebda persuna ma għandha taħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat jew hekk toffri s-servizzi tagħha, kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att."*

---

[36] Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Biex tinkseb liċenzja bħala *inter alia* gwardjan privat, l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 389 jeħtieġ li ssir applikazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-każ in diżamina, mill-provi jirriżulta li għalkemm l-imputata kienet għamlet talba lill-Kummissarju tal-Pulizija biex taħdem bħala gwardjan privat, din it-talba ġiet rifjutata permezz ta' ittra li ġiet mibgħut lilha fit-3 ta' Awwissu 2007[37] u ma ġewx ippreżentati applikazzjonijiet oħrajn fir-rigward[38].

Il-Qorti diġa' stabbiliet illi meta l-imputata offriet is-servizzi tagħha biex tassisti lill-parti leża, kienet qieghda toffri servizz ta' investigatur privat kif definit fil-Kap. 389[39] u peress li hu stabbilit li hija ma kellhiex liċenzja sabiex taġixxi f'din il-kapaċita', dan ifisser li hi aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 389 u għandha għalhekk tinstab ħatja tat-tielet imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-addebitu tar-reċidiva fir-raba' imputazzjoni, il-Qorti wara li rat l-atti tosserva li oltre għall-fedina penali[40], il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li qabel ikkommettiet ir-reat addebitat fiċ-Ċitazzjoni, l-imputata kienet diġa' ġiet ikkundannata għal reat kriminali. Kif ġie diversi drabi ritenut mill-Qrati tagħna in materja tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali waħedha mhux biżżejjed u ma tikkostitwixxix l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni hi, wara kollox, marbuta li tressaq in sostenn tal-akkuża tar-reċidiva. L-aħjar prova tikkonsisti f'kopji debitament awtentikati ta' sentenzi li fuqhom tinsab imsejsa dan l-addebitu iżda fil-każ in diżamina, hija nieqsa l-prova li qatt kien hemm xi ġudizzju preċedenti li effettivament ikkundanna lill-imputat għall-kommissjoni ta' reat kriminali.

---

[37] Fol. 95, Dok. BA2.

[38] Ara xhieda PS 1157 Bartley Aquilina tas-26 ta' Frar 2019.

[39] Speċifikatament, *"il-ksib, bejgħ jew provvista lil xi persuna ta' xi tagħrif dwar: (a) l-identità, il-kondotta, il-movimenti, fejn tkun, affiljazzjonijiet, assoċjazzjonijiet, transazzjonijiet,reputazzjoni jew karattru ta', xi persuna jew korp ta'persuni*".

[40] Fol. 4 sa 6 tal-atti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Novembru 2001, ġie ritenut:-

"*Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ....*"

Għaldaqstant, l-imputata ma tistax tinstab ħatja li hija reċidiva għaliex dan l-addebitu ma ġiex ippruvat fil-grad li trid il-liġi.

Għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi jirriżulta mill-fedina penali tal-imputata, esebita fl-atti[41], li din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputata ġiet ikkundannata għar-reat ta' truffa u għar-reat taħt l-Artikolu 3 tal-Kap. 389 u għalhekk tqis li l-piena idonea – anke tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn l-imputata qarrqet b'persuna li kienet iddisprata biex isib lil ibnu maħtuf – hija waħda karċerarja. Iżda fl-istess waqt tqis ukoll li m'hemm xejn li tipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 stante illi mill-atti l-Qorti ma riskontrat l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fis-subartikolu (7) tal-istess Artikolu 28A.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija fl-imputata għall-addebitu tar-reċidiva miġjuba fir-raba' imputazzjoni u tilliberaha minnha u filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 3 u 25(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil GRACE GATT ħatja tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannaha multa ta' elf Euro (€1,000) u tmintax (18)-il**

[41] Fol. 4, 5 u 6.

**xahar priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ta' priġunerija ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-ħatja tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tagħha taħt l-Artikolu 28B jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**Għall-fini tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna lill-ħatja sabiex tħallas lill-parti offiża f'dan il-każ, ċioe' lil Anthony Busuttil, is-somma ta' ħamest elef Euro (€5,000) bħala danni b'kumpens għat-telfien soffert b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat ta' truffa li qed tinstab ħatja tiegħu, u dan fi żmien sitt (6) xhur. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*proces-verbal* tal-inkjesta, tiċħad it-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**